# *X'Niftakar*

Dun Victor Soler

Kienet is-sena 1933, ftit qabel l-Għid il-Kbir, meta ġejt imħajjar nidħol fl-għaqda tal-abbatini. Dak iż-żmien din kienet tissejjaħ "Piccolo Clero" li kien jieħu ħsiebha Dun Karm Micallef (illum mejjet). Il-Kappillan kien Dun Rafel Capurro u il-prokoratur kien Dun Edmondo Tabone (it-tnejn mejtin). Konna nilbsu dublett, par kmiem suwed u spellizza, iżda jien kelli suttana sħiħa u spellizza tal-organdin li kienet ħetithieli l-ħajjata tagħna, ċerta Signora Giuseppa Letard. Konna wkoll nilbsu kalzetti u żraben suwed.

Dun Karm kien jgħallimna kif nagħmlu servizz tajjeb kif ukoll inservu l-quddiesa. Kultant kienu jeħduna xalata, daqqa ġurnata u daqqa nofs ta' nhar. Niftakar darba waħda l-kappillan kien se jeħodna l-Palazz ta' Selmun u tana l-ħin x'ħin niltaqgħu. Aħna ta' tfal li konna, iltqajna kmieni u tistgħu timmaġinaw xi storbju għamilna. Il-kappillan ħareġ fil-gallarija u beda jheddidna li m'hu se jeħodna mkien, iżda mbagħad ħadna xorta waħda.

Fl 1933 ħadna ritratt l-abbatini kollha, bis suttana, spellizza u berettin. Niftakar li konna madwar sittax-il abbati, l-eta' kienet bejn il-ħdax u s-sittax-il sena. Niftakar tajjeb li r-ritratt ħadnieh għand Griscti, dak iż-żmien; Prince of Wales Road.

F'Ħamis ix-Xirka, wara l-funzjoni kien jaħsel saqajn l-appostli fuq palk fil-kappellun tad-Duluri li kien jintrama' apposta. Wara kien jagħtina qagħqa kbira, u aħna ta' tfal li konna, konna nnaqqru l-lewż minn fuqhom. Kull nhar ta' Ħadd konna nattendu għall-quddiesa tad-9 ta' filgħodu, li kienet tkun kantata, fil-waqt li wara nofsinhar kien ikollna l-Għasar u l-ispjega tal-katekiżmu. Wara l-funzjonijiet ta' wara nofsinhar, konna ningħataw biljett b'xejn għat-talkies, is- Sależjani.

Niftakar ukoll li kien jiġi kierku minn Raħal Ġdid biex jagħmel kappa jew kruċiferu, aħna ta' tfal li konna, konna nitolbuh biex inqerru. Niftakar, li ta' żbukkat li kien, spiss kien jibgħatna nsaqqu l-ħass. Niftakar li konna nsibuh bħala "Griefex". It-tfal dejjem tfal, u niftakar tajjeb li fis-sagristija konna nagħmlu storbju sħiħ, iżda malli konna nisimgħu ċ-ċavetta tal-kappillan jiftaħ il-bieb li jagħti għas-sagristija, dlonk kulħadd kien jiskot u jxidd il-ħarsa ta' l-anġlu. Konna wkoll noħorgu għat- tberik u mmorru ċ-ċimiterju fil-funerali. Wara nofsinhar, kont immur ta' spiss iċ-ċimiterju billi ma kienx ikolli skola. Niftakar li kont nieħu miegħi biċċa xemgħa żgħira u sulfarina biex qabel nitilqu miċ-ċimiterju, l-kuċċier kien jieqaf, u jien u l-kappillan ninżlu biex nixegħlu x-xemgħa fuq il-qabar ta' omm u missier il-kappillan u jberikom. Darba fost l-oħrajn kien l-irxiex, u lili qalli sabiex ma ninżilx miegħu. Niftakar tajjeb u għadni naraħ quddiem għajnejja, ħa waħda fit-tarag, tistgħu timmaġinaw jien kemm dħaqt. Meta tela' lura fil-karozzella, il-kappillan beda taparsi jsawwatni filwaqt li hu wkoll beda jidħaq xi daħqa.

## Il-Festa ta' Stella Maris

Xi xahar u nofs qabel il-Festa kienu jitqassmu l-alburalli, u l-prokuratur u s-sekular kienu jmorru jiġbruhom triq triq. Meta kont għadni seminarista, u anke wara, kont immur ma' ċertu Franky', illum qiegħed l-Awstalja, niġbruhom aħna. Fil-faċċata tal-programm kienet dejjem tiġi stampata l-Istatwa ta' Stella Maris, "black & white", u mhux ta' xi kwadru li jinsab fil-Knisja.

Il-Ħadd ta' qabel il-Festa kien isir il-Ħruġ tal-Vara minn niċċa. Dan kien isir mill-bieb ta' wara n-niċċa li jagħti għall-passaġġ fejn hemm il-kanċell tal-ħadid. Dan kien isir f'nofsinar, fost id-daqq tal-qniepen u ħruq tal-musketterija. In-nies kienet tattendi bi ħġarha. Kien isir it-tridu, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa. L-ewwel kien jitkanta l-Għasar, priedka, kurunella, Salve, l-Antifona u tispiċċa bil-Barka Sagramentali. Is-Sibt, lejliet il-Festa, kienet issir it-translazzjoni minn fuq l-altar tad-Duluri, joħorġu barra u jidħlu mill-bieb il-kbir bil-kant tal- "Ave Maris Stella" u l-Antifona. Wara jsir l-Għasar u l-Kompieta. Nhar il-Festa, fis-6 ta' filgħodu kien jitkanta l- Matutin. It-Traslazzjoni bdiet issir mill-

Knisja ż-Zgħira fuq suġġeriment tiegħi fi żmien il- Kappillan Inguanez. Il-mużika l-ewwel kienet f'idejn is-Surmast Ferdinandu Camilleri u wara ħa kollox f'idejn it-tifel tiegħu, Giuseppe Camilleri.

Il-Ġimgħa kien isir il-marċ imsejjaħ tal-Papa, għax kienu jerfgħu l-istatwa tal-Papa Piju IX li kien għamel il- knisja ta' Stella Maris parroċċa fl-1878. Ħafna drabi dan il-marċ kien isir " a la Veneziana", jiġifieri lasti bil-fanali tal-kartun b' xemgħa tixgħel fihom, li mhux darba jew tnejn kienu jispiċċaw jinħarqu.

Meta ġew il-qniepen, fl-1937, kienet saret qanpiena kbira tal-karti trasparenti u mixgħula bix-xemgħa. Lejliet il-festa kien isir kunċert fi pjazza Annunzjata u jispiċċa bl-Innu l-Kbir "A Maria Vergine Stella del Mare", versi ta' Dun Pawl Vella Mangion u mużika tas-Surmast Ferdinando Camilleri. Il-Ħadd filgħodu kien isir il-marċ u filgħaxija, xi żewġ baned oħra fosthom il-"King's Own" tal-Belt Valletta kienu jdoqqu waqt il-purċissjoni. Fis-6 ta' filgħaxija, kienet tibda ħierġa l-purċissjoni matul it-toroq, Strada Reale, San Vincenzo, Ix-Xatt, It-Torri u Catedrale, fejn minn hemm kien isir il-briju.

Kien jitkanta t- "Te Deum" u l-partitarji kienu jitilgħu l-knisja u jġibu l-bukketti li kienu jkunu forma ta' "Cone" u jwasslu l-Vara sal-knisja bil-kant. Darba kien ġara inċident ikrah, minn fejn kienet qed tinħaraq il-musketterija, għax din ħadet kollha f'salt u nħaraq ċertu Montesin. Meta fieq kien mar l-Awstralja. L-armar fit-toroq kien jikkonsisti f'disinji tal-injam miksija bil-karti, bandalori u trofej, filwaqt li Strada Catedrale kienet tintrama' b'arkati tal-ħadid sbieħ ħafna. Kien hemm ukoll għadd kbir ta' anġli u l-istatwa ta' Malta, u l-erba' evanġelisti, xogħol ta' Karlu Darmanin. Niftakar li darba l-arkati ġew mixgħula permezz ta' tazzi taż-żejt ikkuluriti. Fil-kantuniera bejn strada Cattedrale u San Paolo kienet tintrama' kuruna kbira, li kienet timtela' bil- karti u li kienet tkun imtella' bil-ħbula minn fuq il-bjut tad-djar tal-kantuniera. Mal-wasla tal-Madonna taħt din il-kuruna, kienu jiġbdu l-lenza u din tinfetaħ u jinżlu ħafna karti. L-istess kien jagħmel missier Dun Gorg Zammit, bandiera mitwija b'ħafna karti ġewwa, miżmuma minn ħbula minn naħa għall-oħra tat-triq. Mal-wasla tal-Vara, din kienet tinfetaħ u jinżlu xita ta' karti, fost il-ħruq ta' musketterija.

## Il-Kappillan Dun Rafel Capurro 1919 - 1940

Il-Kappillan Capurro kien mill-Isla u qabel ma' ġie tas-Sliema kien kappillan Ħal-Safi. Kien bniedem ta' dixxiplina u nervuż ħafna. Għall-festi taċ-Ċinkwantenarju (1930) inħadem il-pulptu mis-Sur Alfredo Zarb fuq disinn tas-Sur Gus. Vassallo , li ġie mbierek mill-Vigarju Generali Mons P Galea. Sar ukoll kanopew u ventartal tal-lama rrakkmat bid-deheb fuq disinn tas-Sur Abram Gatt. Il-kanopew ġie rrakkmat mis-sinjura Helen Sammut.



Ir-ritratt meħud 70 sena ilu. Il-Kappillan Capurro jidher fin-nofs fuq quddiem.

Il- prokoratur kien Dun Mikiel Balzan. Fil-festa ta' Stella Maris ta' 1930, Mons Dom Mauro Caruana għamel il-Pontifikal Solenni. Il-kappillan Capurro niseġ it-tifħir lill-Marija Stella Maris waqt il-Pontifikal li dak iż-żminijiet kien isir bit-Taljan. Wara nosinhar sar paniġirku ieħor minn Mons C Zammit. Għall-proċessjoni ħadu sehem, il-Komunita' Franġiskana ta' tas-Sliema, il-Patrijiet Dumnikani tan-Nazzarenu, il-Komunita' Karmelitana tal-Balluta, il-Kapitlu Elenjan ta' B'Kara, kif ukoll il-Kapitlu tal-Katidral. Il-muzika kienet fdata f'idejn is-Surmast Ferdinando Camilleri (vide program. 1930). It-tabib Temi Zammit kiteb daqsxejn ta' ktejjeb; "Tas-Sliema u San Giljan" li kien jinbiegħ sitt soldi. Il-qliegħ kien imur kollu għall-knisja. Kien isir ukoll il-logħob tan-nar fil-pjazzetta l-isfel mill-knisja jew Qui-si-sana. Fl-1935 kienu saru festi kbar lill-San

Gwann Bosco. Mons Isqof Mikiel Gonżi kien għamel Pontifikal Solenni. Dejjem kelli ħajra biex insir qassis u darba għamilt siegħa adorazzjoni quddiem is-sepulkru, f'Ħamis ix-Xirka, w forsi dan kien il-bidu tal-vokazzjoni tiegħi.

Is-Sur Cassar Reynaud kien irregala l-istatwa ta' Santa Tereza tal-Bambin Gesu'. Kien ilu jinħass il-bżonn ta' sett ta' qniepen u għalhekk ġie ffurmat kumitat "Pro Campane" u beda l-ġbir fl' 1933. Għal din il-biċċa xogħol hekk kbira kien daħal Dun Karm Micallef. Giet magħżula d-ditta Bianchi ta' Varese, l-Italja. Il-Qniepen waslu Malta fl-Lulju ta' l-1937 u ġew meħuda fil-bitħa ta' St Patrick's fejn fit-8 ta' Awissu ġew ikkonsagrati mill-eċċellenza tiegħu Mons Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex. Erba' qniepen ġew imtella' fil-kampnar privatament, waqt li l-kbira, li tiżen 60 qantar, ġiet imqiegħda fuq karru u nġiebet min-nies nhar Santa Marija. Ittellgħet fil-kampnar f'ħin rekord ta' għoxrin minuta. Kif ġiet imdendla f'postha, il-kappillan intona t- "Te Deum'. Jien kont għamilt ċensier. Għadni niftakar il-knisja fgata bin-nies. Għadda ftit taż-żmien u l-kappillan Capurro beda jiġbor sabiex issir "Via Sagra" tal-bronż għand l-istess ditta Bianchi ta' Varese. Kull stazzjon sewa 16-il lira sterlina. Ġabret għal hafna minnhom is-Sinjorina Gini' Bartolo. Kien sar ukoll apparat għall-festa abjad irrakkmat bid-deheb, xogħol Taljan. Benefattur irregala messal tal-fidda li nħadem għand Madiona. Fi zmien il-kappillan Capurro qaddsu dawn is-sacerdoti; Dun Gorġ Zammit, Dun Dward Corrado, Dun Gwann Sciberras, Dun Manwel Zammit, Dun Gużepp Inguanez, Dun Gużepp Mizzi w Dun Gużepp Lupi. Kif diġa' għedt qabel, il-kappillan Capurro kien nervuż ħafna u meta kien ikollu xi ħaġa tinkwetah, kien jinżel fis-sagristija, jara ma' min se jinfexx, jagħmel xenata, imbagħad jidħol fl-Oratorju, jiftaħ idejh u jgħid "Ajma 'ssa straħt".

Darba fost l-oħrajn, Dun Edmondo ried jaħsel il-kamra fejn jiltaqgħu s-saċerdoti u qalli "Victor, taħsilli dil-kamra?". Jien qbadt barmil ilma u l-biċċa u bdejt naħsel l-art. Jinżel il-kappillan Capurro u jsibni f'nofs il-kamra naħsel, għamel xenata ma' Dun Edmondo u telaq lejn id-dar. Jien komplejt naħsel l-art qisu qatt ma kien xejn.

Fl-1940, il-kappillan Capurro ġie nominat kanonku kuġitur tal-Kattidral.

**Il- Kappillan Dun Guzepp Inguanez 1942-1965.**

Dun Guzepp kien kappillan Ħal-Kirkop qabel ma ġie tas-Sliema; huwa ħa l-pussess ta' kappillan fl-Oratorju mingħajr ċerimonji fi Frar 1942. Xahar wara, fl-1 ta' Marzu 1942, il-knisja ntlaqtet b'bomba tal-għadu u saret ħerba sħiħa. Dun Madè Bonello li kien fis-sagristija ħareġ jiġri biex isalva s-sagrament b'periklu kbir għalih li jintlaqat minn xi ġebla. Fil-knisja, s-Sur Guži Vella kellu t-tfal qed jitgħallmu jkantaw għax filgħaxija kellha ssir il-priedka tal-"Via Sagra". Ħadu qatgħa kbira, iżda bl-għajnuna t'Alla, ħadd ma ġralu xejn. Il-koppla tmejlet u meta ġie l-gvernatur Gort, kien ta' l-idea illi għandha titniżżel. L-imgħallem Feliċ Mifsud ma qabilx ma' l-idea u saħħaħha b'ħajt tal-konkos u reġgħet ġiet f'postha. Il-Kwadru titulari ġralu ħafna ħsara, filwaqt li ntilfu xi statwi u kwadri. Fost dawn ta' min insemmi l-vara ferm sabiħa tad-Duluri, xogħol ta' Vincenzo Cremona, kif ukoll il-kwadru tal-Kurċifissjoni xogħol mill-isbaħ ta' Guzeppi Cali'.

Il-kappillan Inguanez beda jaħdem biex tissewwa l-knisja. Il-quddies kien isir fil-knisja ż-żgħira u fl-entrata tad-dar tas-Sur Fons Galea. Meta spiċċat il-gwerra l-knisja tkompliet tissewwa, saru ventaltari tal-irħam fl-artali kollha. Il-familja Agius irregalaw l-artal tal-irħam tad-Duluri. Inġiebu minn barra l-istatwi tad-Duluri, Il-Qalb ta' Gesu w San Gużepp. Wistinu Camilleri ta' Għawdex ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Ruzarju mħallsa mis-Sur Benjamin Gatt filwaqt li l-istatwa tad-Duluri giet mħallsa mis-Sur Spiru Cushieri. Fl' 1948 inġiebet l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li tħallset mis-Sur Eddie Frendo.

Fl-1950 laħqu żewġ saċerdoti ġodda; Dun Pietru Pawl Scicluna u Dun Victor Soler waqt li fl-1953 laħqu Dun Gwann Randon u Dun Guido Calleja. Fl-1958 kienet saret purċissjoni bil-Madonna ta' Lourdes fl-għeluq il-mitt sena tad-dehriet tagħha fl-Lourdes fl-1858. Fis-sena 1956 saru l-festi f'għeluq il-75 sena tal-parroċċa. Gew mistiedna l-Komunita Franġiskana ta' tas-Sliema kif ukoll il-kappillana tal-Gżira u San Girgor. Il-purċissjoni tmexxiet minn Mons Giovanni Mifsud, iben il-parroċċa u ħadu sehem il-Kapitlu ta' Sant'Elena ta' B'Kara. Saru kwadri ġodda mill-pittur Caffaro Rore u nġiebu t-twieqi mid-ditta Polloni ta' l-Italja.

Fl-1965 Dun Guzepp ġie nnominat kanonku mill-Isqof Mikiel Gonzi.

**Il-kappillan Dun Guido Calleja 1965 -1974**

Il-kappillan Calleja, li kien kappillan San Giljan, beda biex jieħu ħsieb niċċa ġdida għall-Vara ta' Stella Maris. Neħħa żewġ artali ta' San Guzepp u tal-Madonna tal-Karmnu.

Neħħa s-siġġijiet u għamel il- bankijiet. Gie nstallat elettriku ġdid u ħiet miżbugħa l-knisja. Żewġ gandlieri kbar, li llum jinsabu fil-kor, kienu għand familja biex jinbiegħu. Għamel linef tal-ħadid li wara gew indurati, kontra l-parir ta' min jifhem għax mhumiex skond l-istil tal-knisja. Il- familja Agius irregalaw Tabernaklu tal-fidda kif ukoll salib tal-kleru u par akkolti tal-fidda maħduma l-Italja. Dun Tony Agius qaddes fl-1967 u kien viċi-parroku. Dun Guido kien dilettant tal-muzika, kiteb quddiesa għall-festa. Indaqqet darba għax ma kinitx ta' livell għoli. Illum din il-quddiesa għall-festa. Illum din il- quddiesa titkanta fil-festi sekondarji. Fl-1974 laħaq kanonku tal-Kattidral.

**Il-Kappillan Kanonku Dun Karm Bianco 1974 - 1985**

Dun Karm Bianco, minn B'Kara, kien kappillan tal-Imqabba qabel ġie tas-Sliema. Fi żmienu tkompliet iz-zokklatura tal-irħam fil-kappelluni. Beda x-xogħol ta' tiswija tal-kampnari kif ukoll xtaq ibiddel il-linef, imma għal xi raġuni ma' rnexxilux. Benefattur ħallas għall-Artal Mejda tal-irħam u reġgħet bdiet issir il-Mejda tal-Appostli li nieħdu ħsiebha jien u s-Sur Rosario Mifsud. Fis-17 ta' Gunju 1978 saru festi solenni f'ġieh Santa Emilia de Vjalar, fondatriċi tas-sorijiet ta' St Joseph.

L-1978, kien għeluq il-100 sena tal-parroċċa. Il-preparamenti għal din l-okkażżjoni bdew ħafna qabel. Is-Sur Maurice Busietta kiteb ktieb "Tas-Sliema, il-Knisja u l- Parroċċa ta' Stella Maris". Kienet saret "Exhibition" fl-Iskola tas-sorijiet ta' St Joseph. Is-Sur Louis Tortell kien ħadem ħafna u kien għamel ir-ritratti kollha tal-wirja minn butu. Il-wirja kienet ġiet imbierka minn Mons Arturo Bonnici Vigarju Generali u miftuħa uffiċjalment minn Sir Anthony Mamo. Il-Wirja kienet ta' suċċess kbir u għaliha ħdimna ħafna kemm jien kif ukoll is-sinjuri John Bisazza u Rosario Mifsud fost oħrajn

L-Erbgħa 23 ta' Awissu 1978, Mons Arcisqof, Guzeppi Mercieca, kkonduċa t-translazzjoni mingħand is-sorijiet ta' St Joseph fi Strada Cattedrale għall-knisja. Dakinhar saret il-konsagrazzjoni ta' l-Altar mejda minn Monsinjur Isqof Gużeppi Mercieca. Il-Ħadd, 27 ta' Awissu saret konċelebrazzjoni flimkien mal-abbati Benedittin, Don Angelo Mifsud, u l-Arċisqof Mikiel Gonżi għamel "assislens presbyter" (prog. 1978).

Tul il-parrokat tal-kappillan Bianco saret il-pittura ta' l-erba' evanġelisti fil-pilastri maġġuri u l-koppla, xogħol il-Pittur Raymond Pitre'. F'dawn iż-żminijiet jien għaqqadt grupp ta' nisa li kienu jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' l-abbati sagri u affarijiet oħra tal-knisja.

Fl-1985 il-kappillan Bianco ġie mogħti t-titlu ta' Kamrier Sigriet tal-Papa.

**Il-Kappillan Dun Joe Bugeja 1985 - 1993**

Dun Joe, Imqabbi, kien kappillan Santa Luċija kif ukoll Arċipriet iż-Zejtun qabel ġie maħtur kappillan ta' Stella Maris. L-ewwel biċċa xogħol li wettaq kienet li baxxa l-artal mejda, kif ukoll li saret tarġa taħt l-istess altar. Illostra l-paviment tal-knisja, kif ukoll xtara l-materjal sabiex sar damask għal mal-pilastri tal-knisja. Bdiet issir il-purċissjoni ta' Corpus flimkien mal-parroċċa ta' San Girgor. Billi tella' l-fonti tal-magħmudija fuq il-presbiterju, tneħħew il-kwadri tal-Qalb ta' Gesu u ta' Marija. Giet imqiegħda ikona tal-Madonna fil-pilastru prinċipali tal-altar maġġur. Par gandlieri kbar gew imqiegħda fil-kor ħdejn il-kwadru titulari, filwaqt li par gandlieri tal-bronż, stil modern, għax xemgħa tal-quddiesa u ieħor tal-blandun inħadmu fuq disinn ta' Ġanni Bonniċi mill-Mosta. Inxtara d-drapp sabiex jiġu ttrasportati l-kappep irrakkmati bid-deheb għax kienu fi stat mgħarraq kif ukoll saru sett pjaneti gotiċi biex jintużaw fil-festa. Fil-festa kien jieħu parti attiva. Darba niżel pjazza Annunzjata, qabel beda l-marċ, u ż-żgħażagħ refgħuh fuq l-ispallejn. Lili wara qalli: "Lilek ma refgħukx bħali" sintendi biex jiċċajta. Kien jiltaqa' mal-katekisti u jiddiskuti l-andament tad-duttrina. Ħafna drabi ħrigt inbierek id-djar fl-Għid. Fl-1990 il-Vara ta' Stella Maris kellha bżonn isirilha tindifa tal-induratura u xi rtokki. Kien arġentat mill-ġdid l-appostli ta' l-injam tas-sekondi festi, xogħol li ġie fdat f'idejn l-induratur Horace Farrugia ta' l-Mdina. Tul il-parrokat tiegħu sar xogħol kbir ta' manutenzjoni fil-knisja ż-żgħira, kif ukoll ħa ħsieb sabiex isirilha Altar Mejda. Fl-1985, Mons Arċisqof Gużeppi Mercieca flimkien ma' Dun Maurice Grech, qaddsu quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq il-25 sena ta' Fatima House. Fl-1993 ġie trasferit kappillan l-Imsida.

**Il-Kappillan Dun Rafel Pace Lupi 1993.**

Il-kappillan Rafel Pace Lupi, Slimiz, qabel ma ġie Kappillan ta' Stella Maris kien Kappillan Raħal il-Ġdid, proprju l-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes. Dun Rafel la jħobb il-festi u l-anqas l-armar fil-knisja. Fi żmienu nbidlet is-sistema tal-elettriku tal-knisja, kif ukoll il-knisja ġiet miżbugħa mill-ġdid. Il-quddies ta' nhar ta' xogħol kienet issir fiċ-Centru Parrokkjali, Cathedral Street. Flok ma tiġi mdawwla bħal qabel, issa qed tinxtegħel bil-floodlights. Tneħħiet l-Ikona tal-Madonna Biżantina. Fuq il-kwadru titolari kien hemm stellarju, li wħud jattribbwuh lil Gafa', li wkoll ġie mneħħi, ħaġa li n-nies tant kienet għal-qalbhom. Fis-sagristija kien hemm "oliographia" tal- Papa Piju IX u pittura biż-żejt ta' Anselmu Mercieca li kien ħallas għall-paviment ta' l-irħam tal-knisja li tneħħew. Fit-3 ta' Awissu, 1993, fl-għeluq il-75 sena ta' meta l-knisja saret Matriċi ta' tas-Sliema, ġie mistieden Mons Arċisqof Emanuel Gerada biex jagħmel Pontifikal Solenni lejlet il-festa. Fl-24 ta' Awissu, 1996 ġie n-Nunzju Appostoliku Mons Isqof Laboa, li għamel Pontifikal Solenni lejlet il-festa. Fl' 1997, il-kappillan għalaq 25 sena t'ordinazzjoni, waqt li Mons Gius Lupi għalaq 60 sena saċerdot u qaddsu flimkien. Fl-1999, it-Terz Ordni ta' Marija għamlet ktieb tal-fidda fuq disinn ta' l-iskultur Salvu Bugeja. Dan jiġbor fih diversi talbiet. Fix-xhur ta' Marzu u t' Ottubru, wara r-Rużarju kienet tingħad it-Talba lill-San Guzepp, din ukoll ġiet imneħħija iżda reġgħet tingħad mill-ġdid. Fis-sena 2000, benefattur irregala Messall tal-quddies tal-Madonna, maħdum fil-fidda li wkoll huwa fuq disinn ta' l-iskultur u disinjatur Salvu Bugeja.

Ta' min insemmu żewġ inizzjattivi li ttiehdu f'dawn l-aħħar snin, dawn kienu r-restawr tal-bankun, armarji w kaxxarezzi tas-sagristija, xogħol li sar b'sengħha kbira w li ġie sabiħ ferm, kif ukoll ix-xogħol estensiv li sar fuq il-qniepen riċentement. Illum jistgħu jindaqqu bl-elettriku. Dan ix-xogħol sar bi professjonalità kbira w taħt id-direzzjoni ta' nies istruwiti f'dan ix-xogħol.

Hemm ħafna affarijiet oħra li xtaqt insemmi iżda minħabba l-ispażju kelli nħallihom barra. Illum, jien għandi 81 sena, imma meta jaslu l-festi prinċipali, jerġa' jinbet fija dak l-entużjazmu taż-żogħżija. Nitlob lill-qarrejja sabiex jaħfruli jekk forsi ktibt fit-tul. Inħeġġeġ liż-żgħażagħ sabiex dejjem iħobbu lill-Marija Kewkba tal-Baħar, u Hi żżommhom qawwija u sħaħ, jersqu aktar spiss għas-Sagramenti u li jitolbu aktar lill-Marija, sabiex fil-ħin tal-prova din tidħol għalihom u twassalhom f'riġlejn Alla. Viva l-Kewkba tal-Baħar, Marija Ommna s-Slimizi kollha.

KYS TROPHIES
SLIEMA
IMPORTERS & WHOLESALERS OF
TROPHIES & MEDALS
ENGRAVING SERVICE


146, MANUEL DIMECH STREET, SLIEMA
TEL/FAX. 21 331689 Mobile. 9989 6068
Prop: George Borg


P. CARUANA
Watch & Clocks Repairers

128, St. Joseph Road,
Hamrun
Tel: 2122 4343